MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1296/2000/1

**Alfred u Maria Dolores konjuġi Spiteri**

***Versus***

***Maltacom p.l.c.***

F’din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni li ġarrab l-attur meta korra fuq il-post tax-xogħol.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur huwa impjegat mas-soċjetà konvenuta. Fit-18 ta’ Novembru 1998, meta kien qiegħed ix-xogħol fil-fergħa tal-konvenuta f’Birkirkara, kellu inċident serju u ġarrab leżjoni personali permanenti.

Billi qegħdin igħidu illi s-soċjetà konvenuta weħedha taħti għall-inċident, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attur ġarrab leżjoni personali permanenti waqt inċident fuq ix-xogħol li seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta;

2. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur; u
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż.
Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. ma hux minnu illi l-attur ġarrab danni ta’ natura permanenti;
2. għall-inċident kien jaħti l-attur u mhux il-konvenuta; u
3. għalhekk it-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni għandhom jiġu miċħuda.
L-inċident seħħ meta siġġu li kien fuqu l-attur fuq il-post tax-xogħol ċeda taħtu u l-attur waqa’ u weġġa’ dahru.
Hija waħda mill-obbligazzjonijiet ta’ min iħaddem lejn dawk li jaħdmu miegħu illi joħolqilhom ambjent tax-xogħol mingħajr perikoli għal saħħithom. Din l-obbligazzjoni toħloq responsabbiltà li hija qrib ħafna illi tkun oġġettiva. Fil-fehma tal-qorti s-soċjetà konvenuta naqset minn din l-obbligazzjoni meta, fl-ambjent fejn kellu jaħdem l-attur, ipprovdiet siġġu illi ħoloq perikolu għax ma kienx jiflaħ għall-użu ta’ kuljum tant illi ċeda taħt il-piż ta’ l-attur.
Is-soċjetà konvenuta għalhekk taħti għall-inċident u għandha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur.
Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.
Bħala *damnum emergens*, l-attur esebixxa riċevuti għal disa’ mija u erbgħin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm940.72), li ma ġewx kontestati mill-konvenuta. Il-qorti għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta’ disa’ mija u erbgħin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm940.72).
Għall-għanijiet ta’ *lucrum cessans* l-attur esebixxa ċertifikat mediku tat-Tabib Kirurgu Anthony Zrinzo[1], mnejn jidher illi l-attur għandu debilità permanenti ta’ għoxrin fil-mija (20%), u ċertifikat mediku ieħor tat-Tabib Kirurgu Charles Grixti[2], li qal illi d-debilità permanenti hija ta’ ħmistax fil-mija (15%). Il-konvenuta, min-naħa l-oħra, esebiet ċertifikat mediku tat-Tabib Kirurgu Frederick Zammit Maempel[3] li sab illi l-attur ma kellu ebda debilità permanenti. Il-qorti ħatret ukoll espert mediku, it-Tabib

1 *Foll.* 5 *et seq.*

2 *Foll.* 7 *et seqq.*

3 *Foll.* 127 *et seqq.* Fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2003 — *fol.* 111 — il-partijiet qablu illi dawn i`-`ertifikati, b]ad-dokumenti kollha fil-pro`ess, huma awtenti`i.

Kirurgu Victor Sultana, li sab illi l-attur għandu debilità permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).
Fattur importanti li l-espert mediku u l-kirurgi li sabu debilità permanenti ma kinux jafu bih hu illi, ħafna snin qabel, l-attur kien ukoll korra u weġġa' dahru f'inċident ieħor. Wara li qieset ukoll dan il-fattur, u l-fehmiet tal-kirurgi kollha li eżaminaw lill-attur, il-qorti hija tal-fehma illi, għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' *lucrum cessans*, l-attur għandu jitqies li ġarrab debilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%).
Meta korra l-attur kellu tmienja u erbgħin (48) sena, u għalhekk *multiplier* xieraq ikun ta' għaxar (10) snin.
Fl-aħħar sena qabel ma korra, l-1998, l-attur kellu dħul, magħdud dħul minn xogħol b'sahra, ta' tmint elef u mitejn lira (Lm8,200) fis-sena. Wara li qieset it-tul tal-*multiplier*, u ż-żjidiet li x'aktarx jingħataw 'il quddiem, lill-qorti jidhrilha illi għandha timxi fuq dħul medju ta' għaxart elef lira (Lm10,000) fis-sena.
Tul għaxar snin l-attur kien idaħħal mitt elf lira (Lm100,000); billi d-debilità tiegħu hija ta' għoxrin fil-mija (20%), il-*lucrum cessans* jiġi għoxrin elf lira (Lm20,000). Miegħu għandu jiżdied id-*damnum emergens* ta' disa' mija u erbgħin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm940.72).
Huwa minnu illi l-attur sejjer jieħu bil-quddiem id-dħul ta' għaxar snin. Meta tqis, iżda, illi ġà għaddew aktar minn ħames snin minn meta seħħ l-inċident, il-qorti hija tal-fehma illi ma għandu jsir ebda tnaqqis, b'dan illi l-imgħax għandu jibda jgħaddi millum.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u tgħid illi din taħti għall-inċident, tillikwida d-danni fis-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u erbgħin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm20,940.72), u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------